MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru. 1248/2010

**Il-Pulizija
Spettur Ian Abdilla
vs
Gaetano Farrugia**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Gaetano Farrugia ta' 60 sena bin John u Lucia nee' Galea, imwieled il-Marsa fid-19 ta' Dicembru 1949 u residenti 'Xanthe' Triq il-Batterija, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita' numru 1015349(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'April 2009 u fix-xhur ta' wara f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor,

ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Siddarth Kasana.

2. Fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

3. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta' Novembru 2010 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2011 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fid-19 t'April 2009 certu Siddarth Kasana kera l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BCK 425 minghand il-kumpanija First Car Rentals Limited (C43680) ghall-perijodu ta' tlett ijiem u cioe' bejn id-19 t'April 2009 sat-23 t'April 2009 fejn il-vettura kellha tigi ritornata lura billi tithalla fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta bic-cavetta fiha. F'Lulju 2009 il-Pulizija rceviet rapport permezz tal-email[1] minghand Siddarth Kasana fejn huwa allega li nonostante li kien irritorna l-vettura lilu mikrija fil-gurnata miftehma u kien halliha fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fix-xahar u nofs sussegwenti kienu gew imnaqqsa diversi ammonti mill-credit card account tieghu wara li l-bank gie prezentat b'fatturi mahruga mis-socjeta' First Car Rentals Limited ghall-kiri tal-vettura bl-ahhar invoice ikopri l-perijodu bejn id-29 ta' Mejju 2009 sad-29 ta' Gunju 2009 fejn gie mnaqqas l-ammont ta' elf, erbgha u ghoxrin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1024.24)[2]. Kasana allega wkoll li invoice wahda biss minn dawn kienet iffirmata minnu. Huwa qal ukoll li kien telaq minn Malta fit-23 t'April 2009 u li f'dik il-gurnata kien ikkomunika telefonikament mas-socjeta' First Car Rentals Limited fejn talabhom jekk jistghax izomm il-vettura tlett sighat zejda ghaliex il-flight tieghu kien gie delayed. Mill-provi rrizulta wkoll li fil-21 ta' Mejju 2009 l-imputat fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' John's Garage Limited kien ghamel rapport lil Pulizija[3] li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BCK 325 kienet instabet nieqsa stante li din qatt ma giet ritornata wara li giet mikrija lil Siddarth Kasana fid-19 t'April 2009. Mill-provi rrizulta wkoll li fis-27 ta' Mejju 2009 is-socjeta' John's Garage Limited ghamlet claim mal-assikurazzjoni Middle Sea Insurance plc fejn eventwalment giet rimborsata bis-somma ta' sitt elef u mitejn ewro (€6,200) bhala kumpens ghas-serq tal-imsemmija vettura[4]. Ir-rapprezentanti tal-assikurazzjoni ikkonfermaw li l-ammont li thallas kien ikopri biss il-pre-accident jew pre-report

[1] Kopja tal-email realttiv inserit a fol. 18 u 19 tala-ti processwali
[2] Kopji scanned ta' dawn l-invoices jinsabu nseriti a fol. 20 sa 23 tal-atti processwali.
[3] Rapport relattiv inserit a fol. 24 u 25 tal-atti processwali.
[4] Vide xhieda tar-rapprezentant ta' Middlesea Insurance plc a fol. 50 sa 52 tal-atti processwali u a fol. 120 sa 124.

market value tal-vettura izda ma kienx ikopri il-loss of use jew loss of earnings li setghu gew sofferti mill-assikurat.

Ikkunsidrat:

Illi fil-25 ta' Mejju 2010 l-imputat irrilaxxja stqarrija lil Pulizija[5] fejn huwa kkonferma li l-imsemmija vettura giet mikrija lil Siddarth Kasana ghall-perijodu ta' tlett ijiem bejn id-19 t'April 2009, sat-23 t'April 2009. Huwa qal li l-vettura ma gietx ritornata fid-data miftehma bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' kiri u meta huwa prova jikkomunika mal-klijent sab li dan kien telaq mill-lukanda fejn kien qed joqghod u peress li ma setghux isibu informazzjoni ohra inhargu fatturi ghall-perijodi sussegwenti ghaliex gie meqjus li kien hemm estensjoni tal-kirja. Huwa kkonferma wkoll li fil-21 ta' Mejju 2009 kien ghamel rapport mal-Pulizija li l-vettura qatt ma giet ritornata u kienet nieqsa u kkonferma wkoll li kien intavola claim mal-assikurazzjoni fejn fl-14 t'April 2010 kienu inghataw kumpens ghall-vettura li naqset. Huwa kkonferma wkoll li tkomplew jinhargu l-fatturi ghall-kiri tal-vettura sakemm ircevew informazzjoni mill-bank li l-klijent zgur kien telaq minn Malta u kien qed jikkontesta l-ammonti li kienu qed jitnaqsulu mill-credit card account tieghu. L-imputat qal li huwa kien lest jirrifondi l-ammonti li kienu tnaqsu lura lil Siddarth Kasana jekk dan igiblu provi li huwa effettivament kien telaq minn Malta fit-23 t'April 2009. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 t'April 2012 fejn ikkonferma li l-vettura in kwistjoni kienet ghadha ma nstabitx sa dakinhar li xehed. Huwa kkonferma wkoll li s-socjeta' John's Garage Limited qatt ma rceviet kumpens ghal loss of earnings minghand l-assikurazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat qed jigi addebitat bi tlett imputazzjonijiet fejn permezz tal-ewwel (1) imputazzjoni huwa qed jigi akkuzat bir-reati ta' truffa u frodi nnominata filwaqt li permezz tat-tieni (2) mputazzjoni huwa qed jigi akkuzat bir-reat li ghamel dikjarazzjoni falza u permezz

---

[5] Inserita a fol. 39 sa 41 tal-atti processwali.

tat-tielet (3) imputazzjoni huwa qed jigi akkuzat bir-reat ta' ragion fattasi. Il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat ma tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Jibda sabiex jinghad li l-kwerelant Siddarth Kasana qatt ma tela' jixhed f'dawn il-proceduri sabiex jikkonferma bil-gurament ir-rapport li kien ghamel lil Pulizija. Inoltre l-Prosekuzzjoni naqset li ggib il-prova li l-imsemmija persuna effettivament telaq minn Malta fid-data minnu allegata jew li altrimenti huwa kien irritorna l-vettura lilu mikrija fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fit-23 t'April 2009. Il-Prosekuzzjoni inoltre naqset milli ggib il-prova li l-ammonti indikati mill-kwerelant effettivament tnaqqsu mill-credit card tieghu u dahlu fil-kont bankarju tas-socjeta' li krietlu l-vettura, u cioe' First Car Rentals Limited. L-istatements esebiti minn Audrey Ghigo, ir-rapprezentant ta' HSBC Malta plc[6] fil-fatt jirreferu ghal kont ta' John's Garage Limited u mhux dak tas-socjeta' First Car Rentals Limited, u cioe' is-socjeta' li kriet il-vettura lil Siddarth Kasana. Dwar l-ewwel (1) imputazzjoni inoltre jinghad li mill-provi jirrizulta li s-socjeta' John's Garage Limited irceviet il-kumpens ghall-vettura li giet irrapurtata nieqsa f'April 2010, u cioe'  sena wara li l-vettura ma gietx ritornata u dan il-kumpens kien ikopri biss il-pre-accident market value tal-vettura u mhux il-loss of earnings u cioe' l-ammont li s-socjeta' tilfet ghall-perijodu li ma setghatx tikri l-vettura ghaliex din ma gietx ritornata lilha. Il-Qorti jidrilha ghalhekk li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma tista' titqies li rnexxilha tipprova li saret xi truffa jew frodi nnominata da parti tal-imputat jew li huwa altrimenti ghamel xi dikjarazzjoni falza jew li illegalment ezercita xi dritt li kien jippretendi li jispetta lilu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

[6] Inseriti a fol. 77 sa 115

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------